



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 26 ta' Settembru 2012 (27.09)
(OR. en)**

14200/12

**COPEN 205
EUROJUST 83
EJN 66**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Sur Dag HARTELIUS, Rappreżentant Permanenti tal-Isvezja għall-Unjoni Ewropea
bid-data:	21 ta' Settembru 2012
lil:	Is-Sur Rafael FERNANDEZ-PITA, Direttur Ġenerali, DG D, Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett:	Notifika mill-Isvezja skont l-Artikolu 31.2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri
----------	---

Għażiż Direttur Ġenerali,

F'isem il-Gvern Svediż qed nehmeż hawnhekk informazzjoni rigward id-dħul fis-seħħ fis-16 ta' Ottubru 2012, tal-Konvenzjoni dwar il-proċeduri ta' konsenja bejn il-pajjiżi Nordiċi.

(Formola tal-għeluq)

(firma) Dag HARTELIUS

Fil-15 ta' Diċembru 2005, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Islanda, in-Norveġja u l-Isvezja ffirmaw il-Konvenzjoni dwar il-proċeduri ta' konsenja bejn il-pajjiżi Nordiċi (il-Mandat ta' Arrest Nordiku). Il-Konvenzjoni ser tidħol fis-seħħ fis-16 ta' Ottubru 2012.

Il-Konvenzjoni tistipula kooperazzjoni eqreb bejn il-pajjiżi Nordiċi mid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew. Għalhekk, il-Konvenzjoni ser tintuża fil-proċeduri ta' konsenja bejn id-Danimarka, il-Finlandja u l-Isvezja minflok id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew.
